MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 34/2013

**George Bonello**

**Vs**

**Malta Resources Authority**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti li gie pprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fit-12 ta' Lulju 2011 fejn gie premess is-segwenti:-

*"Sinjur,*

*Ref Tieghek: MRA/BH/0014/08*

*Ninsab inkarigat nikkomunika mieghek mis-sur George Bonello ta' "Our Dream", Triq in-Nutar Zarb, Attard.*

*Kif jirrizulta mill-file sucitat, permezz tad-decizjoni taghha tas-27 ta' Gunju 2011, l-Awtorita` ordnat illi l-bore hole numru 0014/08 sitwata fil-fond tas-sur Bonello ghandha tigi maghluqa fi zmien 45 jum.*

*Il-klijent tieghi jgharrfek illi fil-fond tieghu ghandu gnien kbir b'sebghin sigra tal-frott u diversi prodotti agrikoli li huwa jkabbar u jisqi mill-istess bore hole. Huwa ghandu wkoll xi ghelieqi vicin id-dar tieghu li jisqihom ukoll bl-ilma li jiehu mill-istess sors, liema ilma jitrasportah permezz ta' jerry cans. Ukoll fl-istess ambjent tad-dar huwa ghandu swimming pool li jibdlilha l-ilma kull hames snin, peress li l-istess ilma jigi ttritjat.*

*Ghalhekk is-sur Bonello jehtieg illi juza l-ilma regolarment primarjament sabiex isaqqi s-sigar u l-prodotti agrikoli li ghandu d-dar kif ukoll il-prodotti li jkabbar fl-ghelieqi vicin kif fuq imsemmi. Ovvjament jekk ma jsaqqix l-istess sigar u prodotti jmutu.*

*Is-sur Bonello jirritjeni li kemm-il darba huwa kellu jaghlaq u ma jibqax juza l-bore hole li ghandu d-dar, huwa xorta wahda jkollu jgib l-ilma minn sors iehor. Dan ovvjament ifisser li l-kwantita` ta' ilma li jehtieg xorta wahda jkun qieghed jittiehed mill-water table. Ukoll ikun hemm aktar hela peress li l-ilma jghaddi l-ewwel f'bowser imbaghad jispicca fil-bir tal-klijent tieghi biex ikun jista' jittella, liema procedura tinkombi hela ta' ilma, energija, flejjes u rizorsi.*

*Ghalhekk is-sur Bonello qieghed jissugerixxi bhala soluzzjoni prattika, li minflok joqghod igib u jitrasporta l-ilma li jehtieg minn sors iehor, huwa jkun awtorizzat li jtella' l-ilma mill-bore hole li ghandu fid-dar tieghu, liema bore hole ghandha titwahhlilha meter sabiex l-Awtorita` tkun taf ezatt kemm huwa jkun qed jiehu ilma u per konsegwenza titolbu jhallas ghall-ilma li jitulizza.*

*Din hija zgur soluzzjoni prattika li ghandha tissodisfa kemm lis-sur Bonello ghax ser ikun moqdi fil-htigijiet tieghu kif ukoll lill-Awtorita` li tkun qed tithallas tal-ilma li huwa jkun qed jikkonsma.*

*Ukoll, darba s-sur Bonello jkun qed jixtri l-ilma, zgur li huwa mhux ser ihalli ebda hela ta' ilma.*

*Nittama li jkolli twegiba pozittiva ghal din il-proposta."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata li eccepiet is-segwenti:

*"Illi preliminarjament, in-nullita ta' dawn il-proceduri u dana peress li l-appell odjern ma sarx permezz ta' rikors kif jitlob l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ma hu skont ir-rekwiziti li jirrikjedi l-Artikolu 10 tal-Avviz Legali 70 tas-sena 2009 u dana peress li ma jiddikjarax fil-qosor il-fatti u lanqas ma jindika jekk id-decizjoni tal-Awtorita` ghandhiex tithassar jew tinbidel.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, lanqas ma jissusisti wiehed mir-ragunijiet li jaghtu lok ghall-appell quddiem dan l-Onorabbli Bord ai termini tal-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi fil-fatt l-Artikolu 34 jipprovdi li jista' jigi ntavolat rikors tal-appell minn decizjoni tal-Awtorita` biss.*

a) *Jekk ikun sar zball materjali dwar il-fatti;*
b) *Jekk ikun hemm zball materjali fil-procedura;*
c) *Jekk ikun sar zball fil-ligi;*
d) *Jekk ikun hemm xi illegalita` materjali, inkluza irragonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalita` fis-sentenza.*

*Illi fil-kaz odjern ma tirrizulta ebda wahda mis-segwenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-Appell.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-appell ghandu jigi michud u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *L-appellanti jikkontendi li huwa ghandu gnien kbir ta' sebghin (70) sigra tal-frott adjacent mad-dar residenzjali u jkabbar diversi prodotti agrikoli u li huwa dawn mill-*

*ispiera mertu ta' dan l-appell. Isemmi wkoll li huwa ghandu swimming pool u din jibdlilha l-ilma kull hames (5) snin.*

*Illi l-bazi tal-appell tieghu hu li jekk l-ispiera tinghalaq, din ha taffettwa l-gnien li ghandu l-appellanti mad-dar u b'konsegwenza ta' dan is-sigar imutu.*

*Illi dak li l-appellanti jonqos li jghid fl-appell tieghu huwa li l-ilma li jittella' minn dan is-sors ta' ilma ta' taht l-art, jintuza ghall-finijiet domestici.*

*Illi l-uzu tas-sors tal-ilma ghall-finijiet domestici rrizulta mill-ispezzjoni li saret fil-fond fit-8 ta' Jannar 2009 mill-ufficjal tal-Awtorita` appellata meta l-appellanti ddikjara li l-ilma mis-sors ta' taht l-art jintuza sabiex jintela' s-swimming pool li ghandu l-appellanti. Fil-fatt dan il-pool l-appellanti jerga' jsemmieh sahansitra fl-appell tieghu.*

*Illi skont l-istess Avviz Legali 241 tas-sena 2010, "sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art" tfisser "kull sors ta' ilma ta' taht l-art li jkun jinsab go fond residenzjali u fejn l-ilma ta' taht l-art ikun jintuza ghal skopijiet tad-dar, jew ghall-mili ta' swimming pools, jew ghat-tisqija ta' gnien domestiku, jew biex jixorbu l-annimali mizmuma bhala annimali domestici izda ma tinkludix mahleb, qasam fejn jitrabbew il-hniezer, tjur jew irziezet ta' fniek jew xi uzu iehor intensiv jew kummercjali".*

*Illi fil-fatt, mill-ispezzjoni li saret fil-fond fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena 2009 mill-ufficjal tal-Awtorita` appellata irrizulta li l-ilma li jittella' mis-sors domestiku ta' taht l-art jintuza sabiex jitbexxex il-gnien li ghandu l-utent appellant mal-fond residenzjali, u kif ukoll ghal skopijiet domestici.*

*Illi kien l-appellant stess li kkonferma dawn il-fatti meta huwa ffirma l-inspection sheet for groundwater sources u kkonferma li hemm pompa installata mas-sors tal-ilma; iddikjara li l-uzu tal-ilma minn dan is-sors huwa sabiex isaqqi l-gnien li hemm mad-dar residenzjali u kif ukoll ghall-uzu domestiku u dan sabiex jimla s-swimming pool.*

*Illi ghalhekk l-uzu tas-sors ta' ilma ta' taht l-art tal-appellanti huwa wiehed domestiku li skont l-Avviz Legali 241 tas-sena 2010, senjatament l-Artikolu sbatax (17) ghandu jinghalaq.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti jikkontendi li l-gnien li hemm mad-dar residenzjali ma jikklassifikax bhala "gnien domestiku". Jigi rilevat li l-Avviz Legali 241 tas-sena 2010 jipprovdi li 'gnien domestiku' huwa gnien li mhux ikbar minn 1000 metru kwadru u li jintuza biss ma' fond residenzjali u li minnu ma jinbiegh ebda prodott.*

*Illi skont il-pjanta prezentata mill-appellanti stess u ffirmata mill-perit ta' fiducja tieghu, il-perit Aaron Abela, il-gnien mal-fond fih 779.03m². Din il-pjanta l-appellant prezentaha fl-erbgha (4) ta' Marzu 2011.*

*Illi ghalhekk il-gnien li hemm mad-dar residenzjali jikklassifika bhala gnien domestiku skont l-Avviz Legali 241 tas-sena 2010.*

*Illi peress li l-ilma jintuza ghal skopijiet domestici u dan kif diga' sottomess, id-decizjoni tal-Awtorita` datata 27 ta' Gunju 2011 timmerita li tigi konfermata minn dan l-Onorabbli Bord.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti naqas ukoll li jipprova li s-sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art ma kellu ebda pompa jew apparat mekkaniku iehor installat jew uzat biex jittella' l-ilma minn dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art; jew li kien jinsab go fond residenzjali li ma kienx jista' jigi fornut bi provvista kostanti ta' ilma mill-Korporazzjoni skont ir-Regolamenti tal-1948 dwar il-Fornitura tal-Ilma, minhabba biss li n-network pubbliku ghad-distribuzzjoni tal-ilma jkun jinsab iktar minn 50 metru mill-eqreb punt tal-fond residenzjali; jew li s-sors tal-ilma ta' taht l-art hu proprjeta' kulturali taht l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali; li s-sors: (i) huwa uzat biss ghal finijiet domestici mill-abitazzjoni domestika tal-utent; u (ii) li minnu l-produzzjoni tal-ilma li jittella' minn dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art ma teccedix metru kubu kull jum; u (iii) l-ilma li jittella' mis-sors tal-ilma ta' taht l-art huwa mill-akwifer ta' fuq it-tafal.*

*Illi ghalhekk l-appellant naqas ukoll li jipprova li huwa jista' jigi ezentat taht xi subinciz iehor tal-istess Artikolu 17 tal-Avviz Legali 241 tas-sena 2010.*

*Illi in vista tas-suespost ma jirrizulta li hemm ebda lok ta' appell u ghaldaqstant l-esponenti umilment tinterponi li dan l-Onorabbli Bord tal-Appelli ghandu jikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Awtorita` appellata fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fir-rigward tas-sors tal-ilma ta' taht l-art li jgib in-numru ta' notifikazzjoni 0014/08, bl-ispejjez kontra l-appellant."*

Ra illi dan l-appell gie assenjat lil dan it-Tribunal sussegwentement ghad-dhul *in vigore* tal-Avviz Legali 148 tal-2012 fejn dan it-Tribunal sar kompetenti jisma' appelli minn decizjonijiet tal-Awtorita` intimata, inkluz dawk li kienu ghadhom pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

Ra l-atti kollha, inkluz dawk sottomessi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

Ra illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2013, l-Awtorita` intimata irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha dwar in-nullita` ta' dawn il-proceduri;

Sema' lir-rikorrent fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2014;

Sema' wkoll lil Miriam Micallef Sultana fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2014;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent intavola l-appell odjern peress li hassu aggravat bid-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Gunju 2011 fejn bazikament gie mgharraf li s-sors ta' ilma ta' taht l-art li kellu fir-residenza tieghu kellu jigi maghluq u dan peress li ma kienx jikkwalifika li jibqa' operattiv ai termini ta' Regolament 17 tar-Regolamenti Dwar il-Metering tal-Ilma li Jittella' minn taht l-Art (L.S. 423.40).[1]

Illi r-rikorrent kien applika biex jinnotifika l-istess sors fl-2008.

[1] A fol. 4 u 5 tal-process.

Illi wara li giet sottomessa l-imsemmija applikazzjoni, u wara li saret spezzjoni da parti tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata, l-istess Awtorita` harget ordni sabiex l-istess sors jinghalaq.[2] Illi sussegwentement, jirrizulta mill-ittra tas-27 ta' Gunju 2011, li r-rikorrent kien talab lill-Awtorita` intimata sabiex l-istess Awtorita` tezentah milli jaghlaq l-istess sors peress li kellu bzonn l-ilma mtella' minnu biex isaqqi numru ta' prodotti agrikoli li kellu mad-dar tieghu u kif ukoll f'ghelieqi ohra.

Madankollu, permezz ta' decizjoni datata 27 ta' Gunju 2011, l-istess Awtorita` kienet tal-fehma illi s-sors li kellu r-rikorrent fir-residenza tieghu ma jistghax jigi ezentat ghaliex ma kienx jaqa' fil-parametri dettati mil-ligi ghal tali ezenzjoni.

Illi r-rikorrent da parti tieghu jargumenta illi siccome` l-ilma li qed jigi estratt qieghed jintuza biex isaqqi prodotti agrikoli, allura l-Awtorita` intimata ma setghetx tirrifjuta t-talba tieghu biex izomm l-istess sors operattiv.

L-istess rikorrent esebixxa *aerial view* tal-ghalqa li huwa jahdem u li ma hix konnessa mar-residenza tieghu u jikkontendi li l-ilma li jtella' mill-*borehole* in kwistjoni jghabbih go *jerry cans* biex ikun jista' jsaqqi l-prodott tal-istess raba.

Illi t-Triunal josserva illi l-mertu ta' dan ir-rikors huwa regolat permezz tar-**Regolamenti dwar il-Metering Tal-Ilma Li Jittella Minn Taht L-Art** (Legislazzjoni Sussidjarja 423.40). Illi skond Regolament 1 (2), l-ghan ta' dawn ir-Regolamenti kien li jigi kalkulat permezz ta' *meter* l-ilma li jittella' minn taht l-art.

Illi ai termini tar-Regolament 3, is-sorsi kollha tal-astrazzjoni tal-ilma ta' taht l-art:-

*"(a) li ġew mħaffra jew imkabbra qabel is-sena 1955:*

[2] Liema ordni mhix esebita fil-process

*Iżda dawk is-sorsi ta' ilma ta' taħt l-art biss li, skont id-dokumenti tal-Awtorità, jidhru li ġew imħaffra jew imkabbra qabel is-sena 1955 għandhom jiġu kunsidrati mill-Awtorità li ġew hekk imħaffra jew imkabbra; jew*

*(b) li ġew reġistrati b'mod validu bħala sorsi ta' ilma ta' taħt l-art skont ir-Regolamenti tal-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Sorsi tal-Ilma ta' Taħt l-Art*; jew*

*(ċ) li ġew notifikati b'mod validu bħala sorsi ta' ilma ta' taħt l-art lill-Awtorità skont ir-Regolamenti dwar in-Notifikazzjoni ta' Sorsi tal-Ilma ta' Taħt l-Art; jew*

*(d) li kienu qed jiġu wżati jew li ġew mibnija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, u li qegħdin jintużaw mill-Korporazzjoni,"*

kellhom ikunu mkejla b'*meter* mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma jew mill-kuntrattur imqabbad minnha u hekk kif ordnat mill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi.

Illi mill-atti jirrizulta illi r-rikorrent kien innotifika s-sors in kwisjtoni permezz ta' l-applikazzjoni appozita fis-sena 2008. Minn dokument esebit mill-istess rikorrenti jirrizulta wkoll li huwa ghamel *"borehole application"* mal-*Paying Agency* tal-Ministeru Ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fis-7 ta' Ottubru 2010.[3]

Illi mbaghad l-istess Regolamenti, ai termini tal-artikolu 17 (1) jaghtu setgha lill-Awtorita` li tordna l-gheluq ta' kull **sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art**, hlief ghal dak is-sors:

*"(a) li ma jkollu ebda pompa jew apparat mekkaniku iehor installat jew uzat biex jittella' l-ilma minn dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art; jew*

---

[3] Ara dok GB1 a fol. 45

*Revokati bl-Avviż Legali 255 tal-2008 - L.S. 423.12

*(b) li jkun jinsab go fond residenzjali li ma jkunx jista'jigi fornut bi provvista kostanti ta'ilma mill-Korporazzjoni skont ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma, minhabba biss li n-network pubbliku ghad-distribuzzjoni tal-ilma jkun jinsab iktar minn 50 metru mill-eqreb punt tal-fond residenzjali; jew*

*(c) li tingieb prova dwaru mill-utent ta' dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art li jkun proprjeta`kulturali taht l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali jew li jkun pruvat li jinsab proprjeta` skedata kif imsemmi fl-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp; jew*

*(d) li jkun dikjarat mill-utent permezz ta' affidavit mahluf quddiem Kummissarju b'setgha li jaghti Guramenti u li jkun pruvat minn dak l-utent permezz ta' provi dokumentati inekwivokabbli li jinghataw lill-Awtorita` li jkun sors:*

*(i) li jkun uzat biss ghal finijiet domestici mill-abitazzjoni domestika tal-utent; u*

*(ii) li minnu l-produzzjoni tal-ilma li jittella'minn dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art ma tkunx teccedi metru kubu kull jum; u*

*(iii) li l-ilma li jittella' mis-sors tal-ilma ta' taht l-art ikun mill-akwifer ta' fuq it-tafal.*

*Il-provi li jinghataw lill-Awtorita` mill-utent ghandhom ikunu mehtiega ad validitatem."*

Illi <u>**sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art**</u> huwa definit fl-istess Regolamenti bhala ***"sors ta' ilma ta' taht l-art li jkun jinsab go fond residenzjali <u>u</u> meta l-ilma ta' taht l-art ikun jintuza jew jigi dikjarat mill-utent li jintuza ghal xi wiehed jew iktar mill-ghanijiet li gejjin:***

*"(a) ghal skopijiet tad-dar; u, jew*

*(b) ghall-mili ta' swimming pools; u, jew*

*(c) ghat-tisqija ta’ gnien domestiku; u, jew*

*(d) biex jixorbu l-annimali mizmuma bhala annimali domestici izda ma tinkludix mahleb, qasam fejn jitrabbew il-hniezer, tjur jew rziezet ta’ fniek jew xi uzu iehor intensiv jew kummercjali li ghandhom jigu meqjusa bhala uzijiet kummercjali u li ghandhom jigu metered skond id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti.”*

Illi ghalhekk jirrizulta illi biex sors ta’ ilma ta’ taht l-art jidhol fid-definizzjoni ta’ *“sors domestiku”* irid ikollu zewg karatteristici u cioe:-

1. ikun f’fond residenzjali **<u>u</u>**
2. jintuza ghall-ghanijiet elenkati fl-istess definizzjoni

Illi minn ezami tal-applikazzjoni tar-rikorrent (a fol. 68 sa 75) jirrizulta illi huwa ddikjara li l-iskop tal-uzu tal-istess sors huwa **<u>ghat-tisqija</u>**.[4] Imbaghad, meta saret spezzjoni da parti tal-Ufficjali tal-Awtorita` intimata fil-fond tar-rikorrent, l-istess rikorrenti iddikjara li mill-istess sors **<u>jaghmel tisqija</u>** ta’ madwar hamsa u sittin (65) sigra li ghandu fil-gnien tar-residenza tieghu u kif ukoll biex **<u>jimla l-*pool* kull tlett (3) snin</u>**.

Illi ghalhekk l-Awtorita` intimata irragunat illi siccome` r-rikorrent iddikjara li kien qieghed jaghmel uzu domestiku mill-istess sors, allura l-istess sors ghandu jigi kkwalifikat bhala sors domestiku ta’ ilma taht l-art u ordnat l-gheluq tieghu.

Illi min-naha l-ohra, ir-rikorrent isostni li l-uzu tal-ilma li jigi estratt mill-istess sors imur kemm biex isaqqi l-ucuh tar-raba u kif ukoll ghal uzu domestiku.

[4] Ara Section C a fol. 70

Illi pero jirrizulta illi la fl-applikazzjoni sottomessa fil-15 ta’ Ottubru 2008 u lanqas fid-dikjarazzjonijiet li ghamel waqt l-ispezzjoni li saret mill-ufficjali tal-Awtorita` fit-8 ta’ Jannar 2009 ir-rikorrent ma ddikjara li huwa kien qieghed juza l-ilma estratt mis-sors in kwistjoni biex isaqqi ghelieqi ohra. Dan a differenza ta’ kaz kwazi identiku li gie deciz illum stess minn dan it-Tribunal u cioe **Vincent Debono vs Malta Resources Authority** (Rikors Numru29/13), fejn f’dak il-kaz ir-rikorrent iddikjara waqt l-ispezzjoni li saret mill-Ufficjali tal-Awtorita` intimata li kien qieghed juza l-istess sors principalment ghal tisqija ta’ ghelieqi li ma jiffurmawx parti mir-residenza tieghu.

Illi sabiex is-sors in kwistjoni seta’ jigi ezentat milli jinghalaq mill-Awtorita` intimata, riedet tezisti xi wahda jew izjed mic-cirkostanzi elenkati f’Regolament 17(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 423.40. Illi l-ebda cirkostanza minn dawk imsemmija ma ngabet xi prova dwarha la f’dawn proceduri u lanqas quddiem l-Awtorita` intimata.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal iqis li l-Awtorita` intimata kienet korretta meta qieset l-istess sors ta’ ilma bhala wiehed purament domestiku u ma ssib xejn x’ticcensura mid-decizjoni mehuda minnha fis-27 ta’ Gunju 2011. L-Awtorita` imxiet abbazi tal-informazzjoni fornuta mill-istess rikorrent, u applikat ir-regolamenti kif kien fid-dover taghha li taghmel. Dan it-Tribunal irid jezamina d-decizjoni tal-Awtorita` intimata fid-dawl tal-informazzjoni moghtija lilha u mhux abbazi ta’ xi ripensamenti li seta’ kellu r-rikorrent.

Illi t-Tribunal jifhem ukoll illi probabilment kif inhi s-sitwazzjoni bhalissa, u cioe li r-rikorrent itella’ l-ilma mis-sors li ghandu fir-residenza tieghu huwa aktar prattiku ghalih milli joqghod igib bowser tal-ilma meta finalment l-istess bowser jintela’ minn sors ta’ ilma ta’ taht l-art. Pero dan it-Tribunal, ma jistghax, kif *del resto* ma tistghax taghmel l-Awtorita` intimata, imur kontra dak li jesigu r-Regolamenti msemmija aktar ‘il fuq.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta’ Gunju 2011 ghandha tigi konfermata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata stante li din giet irtirata mill-istess Awtorita`, jilqa' l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-istess Awtorita u kwindi jichad l-appell interpost mir-rikorrenti u jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Gunju 2011.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------